



Brussell, 14 ta' April 2026
(OR. en)

7446/26

LIMITE

CORLX 289
CFSP/PESC 411
RELEX 386
COAFR 74
COARM 37
CONUN 42
FIN 440

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li jimplimenta r-
Regolament (UE) 2023/2147 dwar miżuri restrittivi fid-dawl ta' attivitajiet li
jimminaw l-istabbiltà u t-tranżizzjoni politika tas-Sudan

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2026/...

ta' ...

**li jimplimenta r-Regolament (UE) 2023/2147 dwar miżuri restrittivi
fid-dawl ta' attivitajiet li jimminaw l-istabbiltà u t-tranżizzjoni politika tas-Sudan**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2023/2147 tad-9 ta' Ottubru 2023 dwar miżuri restrittivi fid-dawl ta' attivitajiet li jimminaw l-istabbiltà u t-tranżizzjoni politika tas-Sudan¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 13 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

¹ ĠU L, 2023 2147, 11.10.2023, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2023/2147/oj>.

Billi:

- (1) Fid-9 ta' Ottubru 2023, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) 2023/2147.
- (2) Fl-24 ta' Frar 2026, il-Kumitat tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti (KSNU) stabbilit skont ir-Risoluzzjoni tal-KSNU 1591(2005) (il-“Kumitat KSNU”) żied erba' persuni mal-lista ta' persuni soġġetti għal miżuri restrittivi.
- (3) Fil-5 ta' Marzu 2026, il-Kunsill adotta r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2026/531², li jżid l-erba' persuni elenkati fl-24 ta' Frar 2026 mill-Kumitat KSNU mal-lista ta' persuni u entitajiet soġġetti għal miżuri restrittivi stabbilita fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 747/2014³.
- (4) Jenħtieġ li l-entrati tal-erba' persuni elenkati fl-24 ta' Frar 2026 mill-Kumitat KSNU jitneħħew mil-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet jew korpi li tinsab fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2023/2147.
- (5) Għalhekk jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2023/2147 jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

² Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2026/531 tal-5 ta' Marzu 2026 li jimplementa l-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) Nru. 747/2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sudan (ĠU L, 2026/531, 5.3.2026, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2026/531/oj).

³ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 747/2014 tal-10 ta' Lulju 2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sudan u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 131/2004 u Nru 1184/2005 (ĠU L 203, 11.7.2014, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2014/747/oj>).

Artikolu 1

L-Anness I tar-Regolament (UE) 2023/2147 huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi ..., ...

Għall-Kunsill

Il-President

ANNEX

Fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2023/2147, taħt l-intestatura “A. Persuni Fiżiċi”, jiġhassru l-erba’ entrati li ġejjin:

13. Abdelrahim Hamdan DAGALO;
 15. Elfateh Abdullah Idris ADAM;
 17. Tijani Ibrahim Moussa MOHAMED;
 18. Gedo HAMDAN.
-